MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 386/2012

**Appell Nru: 386/2012**
**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**
**Vs**
**Etienne Farrugia**

Illum, 4 ta' Lulju, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Etienne Farrugia detentur tal-karta ta' l-identita 84077M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Fit-3 ta' April, 2012, ghal habta tat-08 :30hrs gewwa l-Mgarr, flimkien ma persuni ohra :

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa residenza 'Maria Assunta', Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq, kieku sar, kien ikun kwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta'

€2,329.37 u bil-Lok ghad-detriment ta' Vittoria Sammut u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli, fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad-dannu ta' Vittoria Sammut u/jew persuna jew persuni ohra;

U nakkuzah ukoll talli, bejn is-7 t' April 2012 u d-08.45hrs tat-8 t' April 2012;

3. Assocja ruhu flimkien ma' persuni ohra bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u cioe' d-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-Lok;

4. Nakkuzah ukoll talli, bhala rizultat, ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr A. G. Vella LL.D nhar it-23 ta' Novembru 2009, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

Rat illi l-Qorti giet ukoll mitluba tittratta lil Etienne Farrugia bhala recidiv ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar id-19 ta' Jannar 2007 moghtija lilu mill-Magistrat Dr A. Demicoli u ta' nhar it-23 ta' Novembru 2009 moghtija mill-Magistrat Dr A. G. Vella, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan ai termini ta’ l-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Etienne Farrugia, ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Lulju, 2012 fejn wara li

Qorti wara illi qieset il-fatti kollha tal-kaz u wara illi rat il-Pre-Sentencing Report redatt; fuq ammissjoni, sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tnax (12)-il xahar millum.

Rat ir-rikors tal-appellant Etienne Farrugia pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Lulju, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabithu hati ta' l-akkuzi dedotti u tvarjaha ghal dak li jikkoncerna l-piena billi tipprovdi ghal piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravju tal-appellant li in succint huwa is-segwenti :
Illi l-piena fic-cirkostanzi hija wahda eccessiva.

Ikkunsidrat:

L-appellant gie akkuzat b'tentattiv ta' serq u hsara volontarja kif ukoll assocjazzjoni ghal delitt u illi kkommetta d-delitt waqt li kien f'perjodu operativ ta' ordni ta' probation. Fid-disgha (9) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u talab pre-sentencing report sabiex din tigi a konjizzjoni tal-Qorti qabel ma tinghata s-sentenza. Dan ir-rapport gie a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati u fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) xehed l-akkuzat dwar il-piena u filwaqt illi skuza ruhu ghal dak kollu illi irreka lill-vittma, ghadda lill-Prosekuzzjoni s-somma ta' hames mitt ewro (€ 500) bhala kumpens ghad-danni morali kawzati lill-istess vittma.

B'sentenza moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal sena prigunerija. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell. L-aggravju tieghu qieghed principalment dwar il-piena. Dana il ghaxliex, skont hu, il-vittma ma sofriet xejn peress illi s-serq baqa' fi stadju ta' tentattiv u di più ikkompensa lill-

istess vittma ghall-hsara morali li sofriet. L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti kkundannatu tnax-il (12) xahar prigunerija u ma qisitx il-fatt illi ghamel ir-reat waqt il-pendenza ta’ sentenza sospiza. L-appellant ikkopera kompletament mal-pulizija però dak iz-zmien kien ghaddej minn perjodu ta’ disprament minhabba l-problemi li kellu u ghalhekk waqa’ f’dan ir-reat.

Ikkunsidrat:

L-argumenti migjuba mill-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell ingiebu wkoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn din qieset il-koperazzjoni tal-appellant mal-pulizija u fahhritu ghall-fatt illi huwa deherlu illi huwa kellu jikkumpensa lill-parti leza ghall-hsara morali li kkawzalha. L-ewwel Qorti ddikjarat fis-sentenza taghha illi dan kollu kien sejjer jimmilita favur l-akkuzat meta l-Qorti tikkonsidra l-piena. Però min-naha l-ohra ma setghetx ma tikkunsidrax illi l-appellant kien già kkundannat darbtejn ta’ reati li kellhom l-istess fattispeci fejn f’darba minnhom inghata sentenza ta’ sena habs sospiza ghal sentejn u t-tieni darba probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-argument tal-ewwel Qorti meta qalet, “Il-Qorti, f’tali cirkostanzi, ma tistax ma tinnutax li jidher li l-akkuzat ma tghallimx mill-izbalji li kien ghamel. Huwa tajjeb illi jizkuza ruhu mal-vittma u joffrilha somma bhala danni kawzata lilha, u huwa tajjeb illi jobbliga ruhu li jghin lill-Prosekuzzjoni fl-investigazzjonijiet taghhom, izda, xorta wahda dan ma jwassalx sabiex jiskuza dak li huwa ghamel – ghat-tielet darba! Certament tali azzjonijiet ta’ indiema da parti tieghu se jimmilitaw favur tieghu fis-sentenza finali izda xorta wahda, din id-darba se jkollu jhallas ghal dak illi ghamel.” Din il-Qorti tkomli zzid illi l-appellant wera din l-indiema kollha wara li gie maqbud mill-pulizija waqt illi kien fil-fazi preparattivi ta’ reat. Ma kienx hemm “voluntary desistance” da parti tal-appellant u din l-indiema kollha immanifestaha meta kellu l-mannara tal-habs imdendla fuq rasu.

Il-Qrati taghna dejjem ikunu propensi illi jaghtu opportunitajiet lil dak li jkun sabiex jirriforma ruhu u ghalhekk fil-ligi taghna nsibu misuri bhal probation,

conditional discharge u suspended sentence. Izda meta jkollok persuna illi ripetutament tigi moghtija dawn il-mizuri u xorta tibqa’ tisfida lis-socjetà, allura x’imkien il-Qorti trid tieqaf. U l-ewwel Qorti ghamlet sew meta uriet din id-diterminazzjoni fil-konfront tal-appellant wara li qieset ukoll il-komportament pozittiv tieghu wara illi nqabad mill-pulizija.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena dina hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------